MALTA RESOURCES AUTHORITY

Malta Resources Authority
Millennia Complex Triq Aldo Moro Marsa,
MRS 9065
MALTA

Tel. : +356 21220720
Email: enquiry@mra.org.mt
www.mra.org.mt

**Applikazzjoni biex jiġu mġedda r-records dwar utent/i ta' sors tal-ilma ta' taħt l-art skont ir-'Regolamenti dwar l-Applikazzjoni minn Utenti ta' Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art'**

**Numru ta' notifika tas-Sors:**

*Din l-applikazzjoni trid tkun mimlija KOLLHA b'mod ċar biżżejjed li jkunu jistgħu jinqraw. Applikazzjonijiet li ma jkunux imtlew kollha, jew li ma jkunux jistgħu jinqraw, jew li ma jkunux imtlew kif suppost, jew mhux qed jużaw il-verżjoni kurreti li tinstab fuq il-website tal-MRA, jistgħu jiddewwmu jew jintbagħtu lura.*

**Taqsima I-A: Dettalji tal-applicant[i]**

| | | |
|---|---|---|
| Titlu (Mr/Ms/Dr/etc) | Isem u kunjom: | |
| Numru tal-Karta tal-Identità / Permess tar-Residenza: | | |
| Indirizz: | | PostCode: |
| Numru tal-*mobile*: | Indirizz elettroniku: | Numru tat-telefon: |

**Taqsima I-B: Dettalji tas-Sors**

| | |
|---|---|
| L-indirizz jew l-isem tal-art ta' fejn jinsab is-sors tal-ilma ta' taħt l-art: | |
| Numru ta utenti[ii] | (kemm il-persuna jużaw is-sors): |
| Spjega fejn qiegħda is-sors: | (Dar jew *Garage* / Għalqa / Post fejn titwettaq attività ekonomika[iii]) |
| Numru ta' pompi mqiegħda fis-sors: | |
| Numru ta' *meters* mwaħħla | |

**Taqsima I-C: Dettalji tal-użu tal-ilma mill-applikant**

| | |
|---|---|
| X'inhu s-sehem tal-utent mill-ilma li jittella' mis-sors? | (bħala persentaġġ, jew numru ta' ġranet fis-sena) |
| X'inhu l-użu tal-ilma? | (Domestiku / Tisqija[iv] / Attività ekonomika[v] oħra apparti t-tisqija) |
| L-ilma qiegħed jinbiegħ lil ħaddieħor? | (Iva / Le) |
| L-ilma min dan is-sors qed jiġi meħud post ieħor? | (Iva / Le) |
| X'tip ta' pompa għandek imqiegħda fil-post?: | (*submersible* / *surface electrical* /pompa tal-petrol / raddiena tar-riħ / xi tip ieħor) |

**Dokumenti meħtieġa**

1. *Bank Transfer*[vi], *bank draft* jew ċekk personali ta' €50, li jitħallas lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Pagament wieħed biss hu dovut meta jsiru applikazzjonijiet konġunti minn diversi utenti fuq l-istess sors.
2. Site plan bis-sors immarkata
3. Ritratt tal-meter bis-serial number jidher.

**Taqsima I-D:**

| | |
|---|---|
| Jiena, waħdi jew flimkien ma' oħrajn, għandi kontroll effettiv tal-użu **tal-art** fejn jinsab is-sors tal-ilma ta' taħt l-art, u għall-finijiet ta' din l-applikazzjoni, kontroll effettiv tal-użu tal-art tfisser l-okkupanza ta' dik l-art. | Iva/Le |

**Taqsima I-E: Dikjarazzjoni**

Jiena, li l-firma tiegħi tinsab hawn taħt, niddikkjara li s-sors tal-ilma ta' taħt l-art bin-numru ta' Reġistrazzjoni/Notifika _______ li jinsab ____________________________________________________ fil-post mmarkat fil-pjanta annessa, bħalissa qiegħed jintuża minni. Jiena ma naf b'ebda fatt jew ċirkustanza li ma jħallux lili milli ninnotifika lili nnifsi bħala utent.

Jien niddikjara li qed ngħamel użu mis-sors b'mod legali u leġittimu. Jiena niddikkjara li avżajt b'din l-applikazzjoni lill-utenti kollha li għandhom dritt jagħmlu użu minn dan is-sors.

Jiena naċċetta w nifhem li l-fatt li jien inkun irreġistrat bħala utent tas-sors tal-ilma ta' taħt l-art bl-ebda mod ma jagħtini l-ebda dritt li ntella' l-ilma mill-istess sors, jew li narmi kwalunkwe materjal, sew maħlul kif ukoll magħqud, fl-istess sors, jew li nżomm l-istess sors miftuħ u li l-Awtorità tista' fi kwalunkwe ħin tordnali, bħala l-persuna li l-firma tiegħi tinsab hawn taħt, li nagħlaq l-istess sors tal-ilma ta' taħt l-art, minkejja li l-istess sors huwa rreġistrat / innotifikat u li l-miżati marbutin mar-reġistrazzjoni / man-notifika ġew imħallsa kif xieraq. Jiena nifhem ukoll li permezz tar-reġistrazzjoni bħala utent ta' sors tal-ilma ta' taħt l-art, jiena bl-ebda mod ma qiegħed nakkwista jew nikseb l-ebda dritt legali fuq is-sors tal-ilma ta' taħt l-art.

Jiena nifhem li l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tista' tinvestiga sabiex tivverifika l-informazzjoni kollha provvduta kemm f'din l-applikazzjoni kif ukoll ma' din l-applikazzjoni. Jiena nawtorizza lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi li twettaq dawn l-investigazzjonijiet.

Jiena qiegħed nawtorizza lil kwalunkwe persuna jew entità mqabbda mill-Awtorità sabiex tipprovdi kwalunkwe nformazzjoni mitluba b'mod raġonevoli mill-Awtorità b'rabta ma' din in-notifika.

Jiena naċċetta w nifhem li l-fatt li jien inkun irreġistrat bħala utent tas-sors tal-ilma ta' taħt l-art m'għandu bl-ebda mod jippreġudika xi dritt jew pretensjoni li jista' jkollhom terzi persuni fuq dak is-sors. Jiena nifhem ukoll illi l-fatt li l-applikazzjoni tiġi aċċettata, m'għandux jitqies li qiegħed jagħti jew joħloq xi dritt jew preżunzjoni favurija fuq il-propjetà fejn jinsab is-sors tal-ilma ta' taħt l-art.

Jiena niddikjara li sa fejn naf jien din id-dikjarazzjoni kollha, din l-applikazzjoni, dak kollu li qed insostni, kulm'hu mehmuż u l-informazzjoni l-oħra li daħħalt b'rabta mal-applikazzjoni huma veri, korretti u kompluti f'kull aspett u li din id-dikjarazzjoni qiegħed nagħmilha filwaqt li jien konxju mill-fatt li dikjarazzjonijiet foloz jew nuqqas ta' għoti ta' nformazzjoni mitluba jistgħu jitqiesu raġuni valida biżżejjed sabiex jidħlu fis-seħħ il-pieni applikabbli hekk kif stabbiliti permezz tal-liġi, u li jiġu rrappurtati u użati fi kwalunkwe azzjoni kriminali.

Isem u Kunjom:

Nru. tal-Karta tal-Identità /
Permess tar-Residenza / Nru. tal-Passaport:

Firma:

Data:

***NOTA:***

***Regolament 7 tar-Regolamenti dwar l-Applikazzjoni minn Utenti ta' Sorsi tal-Ilma ta' taħt l-Art jgħid:***

*7.(1) Kull persuna li tippreżenta informazzjoni mhux kompluta jew falza fl-applikazzjoni li tagħmel lill-Awtorità, tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn disat elef u tliet mitt euro (€9,300) iżda mhux iżjed minn tmintax-il elf u sitt mitt euro (€18,600).*

*(2) Dik il-multa għandha titħallas f'dak iż-żmien li l-Qorti tordna fis-sentenza tagħha.*

*(3) Dik il-multa għanda tkun mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li dik il-persuna tista' teħel taħt xi liġi oħra jew xi regolament ieħor.*

**Taqsima II: Lill min għandna nikkomunikaw dwar l-operazzjonijiet fis-sors tal-ilma?**

(Din it-taqsima għandha timtela f'każ ta sors fejn hemm aktar minn utent wieħed)

Ittri/ mistoqsijiet/ korrispondenza dwar is-sors għandhom jintbatu lil:

Isem: ________________________

Indirizz: ___________________________________________________

Numru tal-mobile:_________________________________

Indirizz elettroniku:_________________________________

**Taqsima III – Dettalji ta' kumpanija jew persuna legali**

*(Din it-taqsima għandha timtela jekk l-applikazzjoni qiegħda ssir f'isem Kumpannija / Persuna legali)*

| Isem tal-Kumpannija / persuna legali: | |
|---|---|
| Numru tar-reġistrazzjoni | Numru tal-VAT: |
| Tip ta' persuna legali: | |
| Indirizz rreġistrat | |
| Din il-kumpannija hija parti minn kumpanija oħra? IVA (Liema) __________ LE | |

**Taqsima IV: Utenti li għandhom jitneħħew**

*(Din it-taqsima għandha timtela jekk hemm utenti li għandhom jitneħħew mir-reġistru)*

| **ID Card** | **Isem u kunjom** | **Firma tal-persuna li għanda titneħħa, jekk possibli** |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

**KLAWŻOLA DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-DATA**

Abbażi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (EU) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586), għandna dmir legali li nirrispettaw u nipproteġu kull informazzjoni personali li niġbru mingħandek.

Il-Kontrollur hu l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u tista' tiġi ikkuntatjata Millennia, Aldo Moro Road, Marsa, Malta jew fuq l-indirizz elettroniku mra@mra.org.mt. Id-"Data Protection Officer" jista' jiġi kkuntatjat il- Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa, Malta jew fuq l-indirizz elettroniku mra@mra.org.mt.

Kull informazzjoni personali, anke jekk sensittiva, u li hija mniżżla f'din il-formola jew kwalunkwe rikjesta, notifika jew informazzjoni oħra sottomessa mill-applikant, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, ser tiġi pproċessata mill-Awtorità għal waħda jew aktar minn dawn ir-raġunijiet:

1. għall-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni jew kwalunkwe rikjesta oħra kif imdaħħla għand l-Awtorità;
2. sabiex jiġu mistħarġa, evitati jew persegwiti każijiet ta' frodi jew kull att kriminali li l-Awtorità, filwaqt li tilħaq l-għanijiet u l-obligazzjoniet legali li tħaddan, hija marbuta li tirrapporta jew tieħu passi dwarhom;
3. sabiex tistabilixxi, teżerċita jew tiddefendi xi azzjoni legali;
4. għall-ġestjoni interna, riċerka, statistika, amministrazzjoni ta' sistemi, kif ukoll għall-iżvilupp u t-titjib tas-servizzi tagħna;
5. sabiex tħares u tippromwovi l-interessi leġittimi tagħha u għat-twettiq kif dovut ta' kull obbligu legali jew statutorju; u
6. sabiex tippubblika l-informazzjoni meħtieġa skont kif indikat fil-liġi jew obbligu rilevanti.

Jekk għandek meter, id-dettalji tiegħek jingħataw lil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jaġġornaw ir-rekords tagħhom ukoll.

Ir-reċipjent tal-informazzjoni tiegħek hi l- Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. L-informazzjoni tista' tiġi mgħoddija kif xieraq ma awtoritajiet oħra pubbliċi u istituzzjonijiet, organi, uffiċji u aġenziji kif pertinenti għal-iskopijiet murija fuq. L-informazzjoni ser tinżamm għal perjodu massimu li teħtieġ il-liġi. Inti għandek dritt titlob mill-Kontrollur aċċess, retifikazzjoni jew tneħħija ta' data personali, u restrizzjoni tal-iproċessar ta' proċessar ta' data, jew toġġezzjona għall-iproċessar jew dritt ta' data portability, skont il-liġi. Inti tista' tressaq ilment lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, fuq is-sit: www.idpc.gov.mt, skont ir-Regolament.

Id-data mitluba hija essenzjali biex l-Awtorità tipproċessa l-applikazzjoni tiegħek. Jekk ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba, l-appikazzjoni tiegħek ma tistax tkun proċessata. Is-sottomissjoni ta' informazzjoni skorretta, mhix kompluta jew falza tista' twassal għal penali stipulati fil-liġi.

---

[i] Imla Taqsima III jekk qed tapplika a nom ta persona legali

[ii] Jekk hemm aktar minn persuna waħda, imla Taqsima II

[iii] Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni tal-attivita jew NACE classification

[iv] Jekk jogħġbok agħti dettalji

[v] Minbarra t-tisqija ta' ġonna ta' mad-djar

[vi] **Dettalji ghal trasferiment bankarju:**

Account Name: Malta Resources Authority
Bank: Bank of Valletta plc Floriana Branch St Anne Street Floriana FRN9011
IBAN: MT44VALL22013000000040023566824
SWIFT code/BIC: VALLMTMT / Bank sort code: 22862
Reference: ID card number u tip ta' applikazzjoni